27 ta' Novembru, 1944.

Imhallef:

L-Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Francesco Ellul *versus* Giorgio Schembri et.**

**Retratt — "Jus Luendi" — Bejgħ — Subasta — Rexissjoni.**

*Meta d-debitur bis-saħħa tal-"Jus Luendi" jifdi fond li ġie mibjugħ fis-subasta, dak il-bejgħ jiġi mħassar; għax il-fidwa ġġib ir-rexissjoni.*

*Ir-rexissjoni ta' bejgħ f'ħosta każi ma tħassarx id-dritt tar-retratt; anzi f'ċerti każi r-rexissjoni stess tista' tagħti lok għall-irkupru.*

*Imma fil-każ tal-"Jus Luendi" minn dan kollu ma jiġri xejn, għax il-"Jus Luendi" jagħleb l-irkupru. Għalhekk id-debitur li jifdi l-fond li ġie mibjugħ fis-subasta jirbaħ lil min jirkupra dak il-fond li ġie hekk mibjugħ f'dik is-subasta.*

L-attur fit-taħrika qal li l-konvenut, malgrado li ddekorra ħafna żmien, u li ġie nterpellat b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 1942, naqas li jagħmel għaf-favur tiegħu r-rivendizzjoni ta' l-infraskritta għalqa "tal-Ġebel"; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat validu u legali r-retratt eżerċitat minnu b'ċedola tal-11 ta' Settembru 1942 (dok. A), tal-għalqa "tal-Ġebel", limiti ta' Birżebbuġa, liberata lill-konvenut in subasta taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ġunju 1942 fl-ismijiet "Salvatore Farrugia vs. Angela armla Schembri nomine", u dana billi lilu jikkompeti d-dritt li jirkupra 'l-fuq imsemmija għalqa in forza ta' titolu ta' komproprjetà, servitù, u titolu ohrajn validi "in legge", billi hu jippossjedi diġà sebat itmien diviżi ta' l-istess għalqa "tal-Ġebel", li hu kien akkwista minn għand l-eżekutat Carmelo Schembri fl-attijet tan-Nutar Francesco Farrugia tas-7 ta' Ottubru 1928 (dok. B), fejn ġie miftiehem illi għandu jibqa' in komuni bejn il-venditur Carmelo Schembri u l-kumpratur Francesco Ellul (l-attur) il-bir imsejjaħ "l-għar" li jinsab fil-biċċa li baqgħet f'idejn il-venditur u l-lum irkuprata; billi jiġi l-konvenut kundannat jagħmel ir-rivendizzjoni tal-għalqa fuq imsemmija fi żmien perentorju li jistabbilixxi l-Qorti, u jiġi dikjarat li fin-nuqqas tar-rivendizzjoni da parti tal-konvenut tal-għalqa stess fiż-

żmien "prefiggendo". l-istess rivendizzjoni għandha tiġi operata in vista tas-sentenza pronunċjanda. Bli-spejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 1942:

*Omissis;*

Irriżulta mis-smiegħ u mill-attijiet tal-kawża, illi l-fond kien ġie maqbud u mibjugħ fis-subasta kontra Carmelo Schembri u l-werrieta u suċċessuri tiegħu fl-10 ta' Ġunju 1942. Il-liberazzjoni fis-subasta ġiet inskritta fir-Reġistru Publiku fit-18 ta' Awissu 1942, kif jirriżulta mill-Ktieb ta' l-Insinwazzjonijiet tar-Reġistru ta' dil-Qorti. Is-suċċessuri ta' l-eżekutat Schembri, li kontra tagħhom tkompliet is-subasta, b'ċedola tad-19 ta Novembru 1942 eżerċitaw il-"jus luendi", u l-eżerċizzju ta' dak id-dritt sar fit-terminu ta 'erbgħa xhur stabbilit mil-liġi; u għalhekk fdew il-għalqa minn għand min kien xtraha. Bil-fidwa, il-bejgħ li sar bis-subasta ġie mħassar, għax il-fidwa ġġib rexissjoni, u għalhekk l-għalqa daħlet fil-patrimonju ta' l-eżekutati li kienu suċċessuri li komplew għall-fini tas-subasta u tal-"jus luendi" l-interess ta' l-eżekutat oriġinali stess. Huwa minnu li r-rexissjoni ta' bejgħ f'bosta każi ma tħassarx id-dritt ta' l-irkupru, kif anki r-rexissjoni stess f'ċerti każi tista' tagħti lok għall-irkupru; iżda fil-każ tal-"jus luendi" dana jegħleb l-irkupru; għax li kieku ma kienx hekk, l-iskop tal-"jus luendi" kien jiġi eluż għal kollox. Infatti l-"jus luendi" jinsab fil-liġi biex id-debitur ikun jista' jieħu lura u jgawdi l-fond li l-kreditur ikun biegħlu fis-subasta. Jekk qik l-operazzjoni tkun esposta għall-irkupru, il-"jus luendi" ma jottjenix l-iskop li għalih huwa intiż. Il-konvenut ġà għamel b'att tad-9 ta' Frar 1943 ir-rivendizzjoni lill-eżekutati fuq l-eżerċizzju da parti tagħhom tal-"jus luendi"; u għalhekk l-għalqa mhix iżjed f'idejh;

Mill-provi rriżulta soddisfaċentement li l-"jus luendi" ma ġiex eżerċitat fl-interess ta' terzi persuni, iżda fl-interess ta' dawk li eżerċitawh;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talbiet, iżda in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; bid-dritt tar-reġistru nofs għall-attur u nofs għall-inseġhin fil-kawża.

---